# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 22

17 ta' Frar 2026

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Helen Caruana – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni tas-Sur Remigio Bartolo li kien għadu ma wasalx.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

22.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kellha l-ebda ittra t'apoloġija

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 21 ġew approvati.

## 22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.3.1 *Karnival*

Is-Sur Cordina informa lill-membri preżenti li l-attività tal-Karnival marret tajjeb ħafna minkejja t-temp. Apprezza wkoll il-fatt li kien hemm bosta membri tal-Kunsill, filwaqt li rringrazzja lis-Sur Paul Chetcuti tal-organiżazzjoni.

22.3.2 *Jum Ħ'Attard*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li s-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali mhix disponibbli din is-sena għax se jintuża l-palk għall-attivitajiet tagħhom. Għaldaqstant mhux se jkun hemm ħin biex il-banda tarma. Sar ftehim mal-iskola Primarja u s-sala tagħhom se tinkera b'xejn għal din l-attività.

22.3.3 *Alive Challenge*

Is-Sur Cordina talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex issir is-Sur Leslie Spiteri jipparteċipa f'Alive Challenge 2026 li se ssir bejn is-27 ta' Ġunju u t-3 ta' Lulju 2026. Il-Kunsill qabel li tingħata s-somma ta' €350 sabiex is-Sur Spiteri jipparteċipa għan-nom tal-Kunsill.

22.3.4 *Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv*

Is-Sur Cordina nforma lill-Kunsill li l-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv ġie approvat *in full* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

## 22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.4.1 John Bonnici

- Qal li ġie avviċinat mis-sid tad-dar faċċata tal-Knisja Parrokkjali rigward ir-restawr tas-*sundial* li jinsab mal-faċċata ta' dar tiegħu. Is-Sur

Cordina qal li dik hi dar privata u li jista' jsir hu li japplika hu permezz ta' xi skema. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet saret applikazzjoni ta' restawr bil-permess tas-Sinjur imma li ma kinitx ġiet aċċettata minħabba li l-Kunsill kien ġa ħa fondi taħt l-istess skema fuq proġett ieħor.

- Saqsa jekk il-Kunsill ħax xi grants? Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-iskemi għadhom kemm ħarġu u jekk il-Kunsill ikun eliġibbli ssir applikazzjoni. Is-Sur Cordina qal li meta ssir applikazzjoni l-Kunsill ikun infurmat permezz ta' approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni bħal ma sar per eżemplu għall-attività tal-Karniva li saret il-bieraħ.

22.4.2 Nicole Portelli

- Li ġiet avviċinata minħabba l-ħmieġ tal-klieb fit-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li spiss fit-toroq ikun hemm il-Pulizija tal-Komunità u hemm ukoll bins biżżejjed madwar ir-raħal biex tinżamm l-indafa. Is-Sur Cordina qal li jiġi mis-sidien tal-klieb li jkunu prudenti biżżejjed.
- Qalet li residenta irrapurtatilha li l-magna tal-BCRS qed tikkawża ħafna ħmieġ u storbju u li anke fis-2.00 ta' filgħodu ġieli marru jarmu l-flixken. Is-Sur Cordina qal li dan mhux minnu għax il-magna tintefa' u terġa' tinxtegħel filgħodu. Rigward il-ħmieġ hu kompla jgħid li din titnaddaf regolari filwaqt li rigward il-parkeġġ bl-addoċċ li semmiet hi, is-Sur Cordina qal li Transport Malta kienu irrimarkaw li hemm *issue* ta' parkeġġ bl-addoċċ u qabel ma din tiġi riżolta mhux se jkun possibbli li jinħarġu iktar permessi biex issiru Reverse Vending Machines ġodda.
- Semmiet xi ilment fuq xi marki tat-toroq, imma dan il-każ ġie riżolt mis-Sindku.

22.4.3 Alex Mangion

- Saqsa fuq is-sitwazzjoni tat-tindif tal-iskart. Is-Sur Cordina qal li fuq il-ġbir ta' skart għadhom punt u draw. Kompla jgħid li mid-Dipartiment għad hemm pendenti id-deċizjoni fuq il-multi pendenti. Is-Seġretarju Eżekuttiv qalet li għandhom raġun jgħidu tindif tal-iskart minħabba li l-ikbar problema hi appuntu it-tindif tal-iskart li jwaqqgħu u jxerdu ma kullimkien. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill ta' Ħ'Attard kien minn tal-ewwel li kellu t-trakkijiet bis-separazzjoni sabiex jiġi evitat li jitħallew karti jiġru mat-toroq kollha. Il-ħġieġ kien jinġabar banda u l-kartun band'oħra. Qal li anke l-kontenituri l-fatt li dawn jintefgħu bl-addoċċ mhux konvenjenti u li kieku ħallew il-ġbir ta' ħġieġ mar-riċiklaġġ kien ikun iktar approprijat.

22.4.4 Dr. Ralph Cassar

- Dr. Cassar qal li kollox fih il-vantaġġi u l-iżvantaġġi imma biex ikompli fuq is-sitwazzjoni tal-BCRS il-fatt li qed jinġabar 85% tal-iskart ġenerat hu pożittiv ħafna u mnalla sar hekk għax meta kienu jinġabru mad-deterġenti kien qed ikun hemm kontaminazzjoni.

  Is-Sur Remigio Bartolo daħal f'dan il-mument 6.10pm.

- Is-Sur Cordina qal li  vera pożittiva imma s-sistema hi bażwija li taqbad u tpoġġi magna viċin ir-residenti u li kieku jista' jitfilha l-plakka.  Qal ukoll li l-ERA qed jgħidu li suppost il-Kunsill ikollu tant *bring-in sites*.  Il-problema qal Dr. Cassar hi t-tindif.  Li jsiru l-affarijiet bla nfurzar.  Il-Kunsill qed ikollu responsabbiltajiet mitfuha fuqu mingħajr infurzar.
- Qal li Triq l-Għarix ma' Triq il-Linja il-ħajt jidher imbewwaq sew.  Is-Sur Cordina qal li kien sar rapport imma li jekk hemm bżonn jerġa' jsir.
- Qal li se tiġi organizzata attivita' oħra ta' Doqqu Doqqu fid-19 ta' Marzu, festa pubblika u li l-ispejjeż se jinżammu minimi.
- L-aħħar rimarka tiegħu kienet li Triq Santa Katerina u l-akwati kienu għadhom mitfijin. Is Sur Cordina qal li saru diversi rapporti

## 22.5 Rapporti

### 22.5.1 *Approvazzjoni ta' Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Kamra tal-Kompjuters fi Triq il-Kbira*

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kif jidher mir-rapport hawn taħt riprodott, dan it-tender inħareġ f'Lulju tal-2025 u wara li għalaq iż-żmien ta' sottomissjoni ġie magħruf li ntefgħet offerta waħda biss ta' €48,500. Wara li saret l-evalwazzjoni, fejn ittieħed in kunsiderazzjoni ukoll ir-rapport tal-Perit, l-evalwaturi waslu għall-konklużjoni li dan il-proġett apparti li l-bidder kien waħdu, kellu offerta ta' 200% iktar mill-baġit tal-Kunsill. It-tender kien jikkonsisti fl-installazjoni ta' *chair lift,* 5 kompjuters, sufan, żewġ pultruni xi siġġijiet u *coffee table.* Hi qalet li għalhekk il-Kunsill irid jiddeċiedi jekk hemmx baġit biżżejjed biex isir jew le.  Kompliet tgħid li bil-prezz mitfuħ dan it-tender mhux vijabbli għax jaqbeż ferm il baġit tal-Kunsill u għalhekk issuġġeriment tagħha u tas-Sindku hu li jinqasam f'partijiet.  Ic-*chair* lift jinħareġ permezz ta' *call for quotation* u l kumplament permezz ta' tliet kwotazzjonijiet.

Dr. Musumeci saqsa jekk hemmx bżonnha? Is-Segretarju Eżekuttiv tenniet li meta qalet li m'hemmx baġit riedet tfisser li m'hemmx id-differenza ta' dak li ġie mogħti permezz tal-iskema iġifieri bejn is-€36,000 u t-€48,500 li hemm fit-tender.  Fil-fatt fil-baġit tal-Kunsill hemm imdaħħal €27,000 eskluż il-VAT u dak kien il-baġit imdaħħal fit-tender biex ikun maqbul li l-ispiża ma teċċediex dan. Jekk il-proġett ma jsirx iridu jingħataw lura il-*pre-financing*  ta' madwar €18,000. Dr. Cassar qal li tajjeb li jkun hemm *venues* differenti.  Is-Sur Cordina qal li dan hu proġett li ilu propost li se jsir. Dr. Musumeci saqsa jekk jistax isir lift minflok.  Is-Sur Cordina qal li m'hemmx post fejn isir lift għalhekk ġie suġġerit *chair lift.* Wara li saret diskussjoni interna, fejn ittieħed in konsiderazzjoni li fondi żejda m'hemmx ġie deċiż li se jipproċedu kif intqal mis-Segretarju Eżekuttiv.  Il-bidder se jkun infurmat mis-sistema tal-EPPS.

Ħ'Attard Local Council
13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard

**EVALUATION REPORT date 22/01/2026**

**PUBLICATION REF.: ALC03/2025 SERVICES OF AN ACCOUNTANT AT THE Ħ'ATTARD LOCAL COUNCIL**

**Contents:**

Timetable
Evaluation
- Preparatory session
- Administrative compliance
- Technical compliance
- Financial evaluation

Conclusion
Signatures

**Annexes:**

Annex I: Schedule of Offers received
Annex II: Clarifications/Rectifications

**1. Timetable**

| | DATE | TIME |
|---|---|---|
| Preparatory session | 01/07/2025 - 30/07/2025 | 08:00hrs - 12:00hrs |
| Deadline for the submission of tenders | 22/09/2025 | 11:00hrs |
| Tender opening session | 22/09/2025 | 11:30hrs |
| Meeting 1 | 29.09.2025 | 09.00hrs – 10.30hrs |
| Meeting 2 | 10.12.2025 | 09.00hrs – 10.30hrs |
| Meeting 3 | 22.01.2026 | 09.00hrs – 10.30hrs |

**2. Evaluation**

***2.1 Preparatory session***

The Chairperson informed the Evaluation Committee of the scope of the proposed contract, identified the Contracting Authority responsible for preparing the tender document, and summarised the essential features of the tender procedure to date.

***2.2 Schedule of Offers Received***

The Schedule of Offers received is attached to this report at **Annex I**.

| Tender ID | Name of Tenderer | Financial Bid Excl. VAT € |
|---|---|---|
| 000233052 | Aretron Ltd | 48500.00 |

The members checked all documentation and confirmed that the account used by the bidder belongs to the bidder who has submitted the bid.

***2.2 Administrative compliance***

The voting members of the Evaluation Committee carried out an exercise through the ePPS to determine the administrative compliance of the offer/s received.

No rectifications/clarifications were deemed necessary.

On the basis of this, the Evaluation Committee decided that the sole bid was administratively compliant and should be considered further.

***2.3 Technical Evaluation***

Each evaluator on the Evaluation Committee, through the EPPS, assessed the compliance of the administratively compliant tenders with the technical requirements for each item in the tender document.

A rectification was deemed necessary as during the evaluation process, the Evaluation Committee noted that the literature and the GPP criteria requested in the Literature List were not submitted.

The Literature list was submitted on the 6th October 2025.

Another clarification was deemed necessary after reviewing the Literature List. The Economic Operator was asked to confirm that the supplies/Equipment provided in the literature as per Rectification Request, will be installed and operated without any variations after the premises inspection.

The Economic Operator confirmed that quoted items will be supplied, installed and operated without any variations on 16th December 2025.

The offer was technically compliant

***2.4 Financial evaluation***

The administrative and technically compliant offer was reviewed for arithmetic corrections.

| Tender ID | Tenderer name | Price in Euro as per financial offer | Price in Euro including any arithmetical corrections (if any)* |
|---|---|---|---|
| 000233052 | Aretrop Ltd | 48500.00 | 48500.00 |

The financial offer of the offer submitted which was found to be both administratively and technically compliant was compared to the budget available for the contract which is stated as €27,000 excluding VAT.

**3. Conclusion**

Pursuant to the above, the Evaluation Committee noted that the Economic Operator's financial bid is 179.63 per cent over the budgeted price.

It is the prerogative of the Local Council to establish if funds are available to accept the sum of €48,500.00 as proposed by the bidder.

It is confirmed that this report is a true reflection of the XL report generated by the ePPS. In the case where there was the need to amend the system-generated report, it is confirmed that the revised XL report was uploaded in the ePPS.

**4. Signatures**

| | Name | Signature |
|---|---|---|
| **Chairperson** | Stefan Cordina | |
| **Secretary** | Marica Mifsud Mintoff | |
| **Evaluator 1** | Christopher Falzon | |
| **Evaluator 2** | Remigio Bartolo | |
| **Evaluator 3** | Helen Caruana | |

Dan ir-rapport ġie unanimament maqbul u approvat.

## 22.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

### 22.6.1 *Jum Ħ'Attard*

Is-Sur Bartolo qal li kellha tinbidel il-venue minħabba l-istess problema tas-sena l-oħra li s-Sala kienet se tkun okkupata u għaldastant is-serata se ssir l-iskola. Ir-rehearsals se jsiru xorta ċ-Ċentru Parrokkjali. Reġa' fakkar li din is-serata se tinżamm fil-21 ta' Marzu, ikun is-Sibt u bħalha kantanta se jkun hemm Karen Duff. Id-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet hi t-13 ta' Marzu 2026. Hu kompla jgħid li jridu jiddeċiedu min se jkun fuq il-Bord u li dawn iridu jkunu bil-fard. Dr. Musumeci saqsa fuq il-kriterji kif ġew magħżula il-membri tal-Bord. Is-Sur Cordina qal li l-membri kienu ġew magħżula minnu minħabba li wħud minnhom kienu nvoluti sew jew bħalha Kunsill, jew f'xi għaqda jew kienu ħadmu f'xi qasam għall-ġid tal-komunità. Il-membri tal-Bord tal-għażla se jkunu:

Giorgio Mario Schembri
Carmelo Camillieri
Norbert Gingell
Pierre Cauchi
Joseph Sciberras

Is-Sur Bartolo saqsa fuq il-quddiesa li soltu ssir waqt Jum Ħ'Attard. Ġie maqbul li l-quddiesa tkun dik tal-Ħadd tad-9.30am.

Dr. Musumeci rrimarka fuq in-nomini u d-data tal-estensjoni, li jekk regola hi hekk għanha tiġi stabbililita data u meta jiskadi l-ħin ma jkunux jistgħu jiġu sottomessi iktar nominazzjonijiet. Is-Sur Bartolo qal li s-sena li għaddiet kienu fjakki b'hekk estendew imma fuq dan il-prinċipju Dr. Musumeci ma qabilx minħabba li kien hemm ġa sitt nomini meta estendew u qal li ċert minn dan. Is-Sur Cordina saqsa jekk ikun hemm nomina waħda xi jsir. Dr. Musumeci qal li ssir is-serata u l-Ġieħ ma jingħatax. Is-Sur Cordina qal li dan mhux sew meta tkun lestejt kollox, qlajt banda xahrejn qabel u tħassar. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-każ ma jsir xejn qas ħaqq l-ispejjeż. Dr. Musumeci qal li jrid ikun hemm proviso, li jekk ma jkunx hemm biżżejjed applikazzjonijiet, jerġgħu jinfetħu l-applikazzjonijiet u jerġa' jittella' avviż li l-applikazzjonijiet ġew estiżi.

Is-Sur Cordina qal li s-sena l-oħra jekk kien hemm żewġ applikazzjonijiet u ġiet estiża d-data biex jidħlu iktar. Kompla jgħid li dak kien il-punt li l-Bord tal-għażla jkun bord barra mill-Kunsill biex l-għażla tkun etika u trasparenti. Dr. Musumeci qal li jrid jiġi stabbilit in-numru minimu tal-applikazzjonijiet biex id-data tiġi estiża.

Ġie deċiż li l-applikazzjoni tiġi olterata u jekk ikun hemm inqas minn 3 applikazzjonijiet id-data tiġi estiża sas-17 ta' Marzu f'nofsinhar. Dan kollu se jitniżżel fl-applikazzjoni bħalha parti mir-regola numru 17. Ħa tiġi mibdula wkoll il-klawżola dwar l-għażla tal-Bord u se tkun riferuta fl-applikazzjoni li l-bord ġie magħżul fil-laqgħa tal-lum.

Is-Sur Bartolo qal li jridu jfittxu nies minn Ħ'Attard biex ikollhom iktar nomini.

Dr. Musumeci u Dr. Caruana qalu li jistgħu ukoll jiġu rikonnoxxuti nies minn Ħ'Attard imma li għamlu isem barra mill-lokalità.

Kulħadd qabel.

22.6.2 ***Ġemellaġġ Brembana***

Is Sur Bartolo qal li l-programm ta' Pjazza Brembana ġie restritt u mnaqqas minn 4 t'ijiem għal 3 ijiem, mill-10 sat-13 ta' Lulju 2026. Kompla jgħid biss li is-Sindku kien qed jipprova jġib il-fondi imma kienu qed jippruvaw jaraw kemm jiswew il-flights, il-lukanda u transfers. Qal li kemm jiġu nies jiddependi skont il-flus u l-baġit li jkollu l-Kunsill.

## 22.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

20.7.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet iċċekkjat minn Dr. Caruana u Dr. Cassar.

Dr. Caruana saqsiet fuq saqsa xi jfisser Pub Con f'item 107-109:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 107 | Synthesis Management Services Ltd | €329.22 | €329.22 | Q | PF | Contract Management Dec | 31.12.2025 | ATDLC-049 |
| 108 | Synthesis Management Services Ltd | €329.22 | €329.22 | Q | PF | Contract Management Nov | 01.12.2025 | ATDLC-048 |
| 109 | Synthesis Management Services Ltd | €329.22 | €329.22 | Q | PF | Contract Management Oct | 03.11.2025 | ATDLC-047 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dak il-kuntratt hu tal-kumpanija tal-Contracts Manager.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.

Proponent: Sur Alex Mangion        Sekondant: Sur Paul Ciantar

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċ-ċedola kienet tinkludi bosta pagamenti li saru u jinsabu ġa mħallsin minħabba li kellha tingħalaq is-sena bħall-FS5, il-pagamenti tal-kuntrattur Tabone ta' Jannar u Frar, l-*agreement* tal-lift ta' Proman minħabba li l-lift waqaf ħesrem. L-ammont miċ-ċedola li ma kienx jinsab imħallas jammonta għall-€36,142.21.

L-iskedi ġew approvati.

## 22.8 Mozzjonijiet; u

22.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 22.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

22.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.29pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Frar 2026 fil-5.00pm

Konfermati illum, 24 ta' Marzu 2026.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud Mintoff
Segretarju Eżekuttiv